**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 4 ta' Novembru 2021**

Numru 2

**Rikors Nru. 30/2017**

**Joseph Farrugia, Adrian James Abela, John Brincat,**
**Berry Cassar, Joseph Schembri**

**vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, u**
**l-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura, u**
**l-On. Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura,**
**Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru**
**ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-4 ta' Mejju 2017 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti ilhom jahdmu bhala rmiggjaturi maghrufa ukoll bhala mooring men, ghal diversi snin billi jipprovdu servizz importanti fis-settur marittimu ta' irbiet jew ta' hall tac-cimi lill-vapuri kollha li jidhlu fil-portijiet/terminals u jew li jitilqghu mill-portijiet/terminals f'Malta liema xoghol minn dejjem ghen u kkontribwixxa sew b'mod dirett ghall-ekonomija ta' pajjizna;

2. Illi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, l-irmiggjatur ghadda minn evoluzzjoni jekk mhux minn rivoluzzjoni kbira mal-medda tas-snin, mhux biss f'dak li ghandu x'jaqsam bhala xoghol fuq bastimenti ferm akbar b'tonnellagg dejjem jizdied li jirrikjiedu irmiggjatur bl-esperjenza, izda fid-definizzjoni jew fit-tifsira ta' min huwa "irmiggjatur", fil-kriterji jew rekwisiti necessarji ta' x'inhuwa mistenni minn persuna biex appuntu

tkun licenzjata halli tahdem bhala "irmiggjatur", u tali evoluzzjoni manifestament tirrizulta li ghadha ssehh sallum a skapitu tal-irmiggjatur professjonali ossia dak licenjat biex jopera bhala 'irmiggjatur' fil-portijiet/terminals f'pajjizna favur persuni ohra li qed jahdmu xoghol tal-irmigg minghajr licenzja izda jkunu jew impjegati diretti tal-operatur tal-portijiet/terminals jew addirittura ingaggati mill-operatur tal-portijiet/terminals b'kuntratt ta' appalt;

3. Illi huwa fatt maghruf li s-servizz tal-irmigg kien jezisti minn zmien missirijietna, izda tramite tibdil fil-ligijiet ta' pajjizna, specifikatament permezz ta' numru ta' Avvizi Legali illi gew fis-sehh fuq medda ta' snin b'mod partikolari fis-snin ricenti, u li wiehed wara l-iehor irrevokaw jew emendaw dawk precedentament ezistenti, l-irmiggjatur licenzjat spicca jbati inutilment, iddiskriminat u addirittura xogholu mhedded serjament;

4. Illi b'daqqa ta' pinna jew b'decizjoni tal-legislaturi li kienu u li ghadhom, mhux ghaliex kien hemm verament il-htiega li ssehh bidla fil-ligi, jew ghal skop biex titjieb il-ligi li tirregola l-irmiggjatur, izda sabiex ikun akkomodat l-operatur tal-portijiet/terminals, l-irmiggjatur licenzjat tilef l-esklussivita li kien igawdi minnha fix-xoghol tal-irmigg fil-portijiet f'Malta u fil-fatt, illum gia tilef id-dritt li jipprovdi s-servizz tieghu f'numru ta' portijiet/terminals specifikatament il-Port Hieles [Freeport], Fuel Wharf ghax-xoghol li jirrigwardja c-Central Cement kif ukoll ix-xoghol kollu relatat mal-katamaran tal-Virtu Ferries bil-konsegwenza li l-irmiggjatur licenzjat tilef cirka hamsin fil-mija [50%] tad-dhul tieghu minghajr ma nghata ebda kumpens tant li l-esponenti jemmnu li mix-xoghol tal-Port Hieles [Freeport] biss huma tilfu introjtu finanzjarju ta' cirka nofs miljun ewro fis-sena;

5. Illi ukoll b'daqqa ta' pinna tal-legislaturi li kienu u li ghadhom, ghal ragunijiet mhux maghrufa, l-irmiggjatur licenzjat spicca jbati inutilment, iddiskriminat u addirittura xogholu mhedded meta f'Lulju tas-sena 2007, il-lanec operati mill-irmiggjatur ghall-utilita tal-piloti tal-portijiet Maltin, ma baqghux mhaddma mill-irmiggjatur kif kien ilu jsehh ghal snin twal u li l-irmiggjatur kellu introjtu sostanzjali minn tali servizz, izda l-lanec kienu gew mghoddija direttament lill-piloti minghajr ma nghata kumpens lill-irmiggjatur, inkluz mill-‘Fondi tal-Lanec' [specifikatament fond ghar-replacement tal-lanec u fond ghall-manutenzjoni tal-lanec] li kien fihom ammonti sostanzjali ta' flus, percentwali ta' ghaxra fil-mija [10%] fuq il-levy mill-operat tal-lanec mill-irmiggjatur liema 'Fondi tal-Lanec' dak iz-zmien kien imwaqqaf a tenur tal-Avviz Legali 163/1975;

6. Illi daqs li kieku mhux bizzejjed, meta kien gie likwidat fond hekk imsejjah 'Stabilisation Fund' li fih kienu jinzammu flus li kienu jigi depozitati fih ghaxra fil-mija [10%] levy skont it-tunnellagg tal-vapuri sia mill-esponenti bhala irmiggjaturi u sia mill-piloti appartenti liz-zewg gruppi, l-irmiggjatur kien ircieva somma ferm inqas minn dik ricevuta mill-piloti, u dan ukoll b'mod diskriminatorju kontra l-irmiggjatur;

7. Illi daqs li kieku ma kienx bizejjed, il-'Port Foremen' kienu nghataw kumpens xieraq qabel ma kienet giet restritta l-licenzja taghhom u dan kuntrarjament ghal dak li sehh fir-rigward tal-irmiggjatur li noncio li tilef xoghol sostanzjali bil-konsegwenza li sofrew finanzjarjament;

8. Illi wkoll daqs li kieku mhux bizzejjed, l-irmiggjatur, tramite 'The Malta Boatmen and Mooring Services Cooperative Limited' incidentalment imwaqqfa taht theddid mill-Awtorita Portwarja li llum tinsab inkorporata fl-Awtorita konvenuta flimkien mal-Ministeru responsabbli mit-Trasport ta' dak iz-zmien ezistenti fil-kontinwita tal-Ministeru konvenut, fuq bazi ta' jew tkun inwaqqfa jew ma jkunx hemm xoghol ta' irmigg — permezz ta' ftehim datat l-1 ta' Novembru, 2012, hemm kontemplat li s-servizz ta' irmigg mill-irmiggjatur licenzjat kien ghal perjodu ta' ghaxar [10] snin, u dan limitatament ghall-portijiet/terminals indikati fuq l-'Annex 1' annessa mal-ftehim relattiv li per ezempju jeskludi l-Port Hieles;

9. Illi kif gia intqal aktar qabel, l-irmiggjatur ghadda minn evoluzzjoni jew mhux minn rivoluzzjoni kbira mal-medda tas-snin, sia fid-definizzjoni jew fit-tifsira ta' min huwa "irmiggjatur" u sia fil-kriterji jew rekwisiti necessarji ta' x'inhuwa mistenni minn persuna biex appuntu tkun licenzjata halli tahdem bhala "irmiggjatur", li kif spjegat, dan sehh a skapitu tal-irmiggjatur professjonali ossia dak licenjat tant li wiehed isib illi mill-Avviz Legali 163 tas-sena 1975 maghruf bhala 'Pilotage and Mooring Regulations' illi kien appuntu ikkunsidrat li jirregola l-'irmiggjatur' u x-xoghol tieghu, inkluz ir-rekwiziti li a bazi taghhom persuna setghet tinghata licenzja ta' 'irmiggjatur', sussegwentament dahlu fis-sehh tlett [3] Avvizi Legali u cioe dawk bin-numri: 100/2010, 100/2011 u 253/2012 li manifestament biddlu d-definizzjoni jew it-tifsira tal-'irmiggjatur' kif ukoll tal-kriterji jew rekwisiti biex tinghata licenzja ta' 'irmiggjatur';

10. Illi fil-qosor, stante li ser ikun spjegat f'aktar dettal fil-mori tal-kawza, l-Avviz Legali Numru: 253/2012 kien gie fis-sehh a tenur tal-poteri moghtija lill-Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura taht il-Kap. 499 u l-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz tal-imsemmi Avviz Legali, id-definizzjoni u t-tifsira ta' 'irmiggjatur' giet mibdula mill-gdid billi giet tfisser li 'irmiggjatur' huwa persuna licenzjata jew persuna li hija mqabbda minn operatur tal-portijiet/terminals biex jipprovdi servizz ta' rmiggi;

11. Illi tali definizzjoni jew tifsira segwiet dik li kienet kontemplata fl-Avvizi Legali precedenti; per ezempju, l-Avviz Legali Numru: 100/2011 isemmi li ‘irmiggjatur' kien kull persuna li jkun awtorizzat minn operatur ta' terminal sabiex jipprovdi servizz ta' rmiggi minghajr il-htiega tar-rekwisiti li kienu kontemplati precedentament sabiex wiehed ikun licenzjat bhala 'irmiggjatur';

12. Illi dan effettivament ifisser li llum rizultat tal-Avviz Legali fuq imsemmija, bil-barka tal-Awtorita konvenuta, operatur ta' port/terminal jista' jingagga lil min jaghzel hu biex jipprovdielu servizz ta' irmiggjatur minghajr il-htiega ta' licenzja u jew rekwiziti partikolari li wassal biex il-licenzja tal-esponenti irmiggjaturi licenzjati, giet ma tfisser xejn;

13. Illin l-licenzja tal-esponenti irmiggjaturi licenzjati tikkostitwixxi possediment fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'effett tal-istrumenti legislattivi kollha fuq premessi, senjatament b'effett tal-Avviz Legali Numru: 100/2011 sehhet privazzjoni assoluta ta’ dak il-possediment, ghaliex il-licenzja giet minghajr ebda valur, u sussegwentament, bl-ahhar Avviz Legali Numru: 253/2012, tali privazzjoni assoluta giet monka jekk mhux addirittura mnehhija, stante li dan l-ahhar Avviz Legali ma kellux l-effett li jirreintegra lill-esponenti fil-godiment pacifiku shih tal-possidement taghhom, imma introduca mezz ta' kontroll fl-uzu ta’ dik

il-licenzja li ma kienx precedentement fis-sehh, u dan stante l-fatt li x-xoghol ta’ rmigg ormai seta’ jsir minn persuni minghajr licenzja ta' rmigg;

14. Illi l-mezz ta' kontroll ta' uzu tal-licenzja gie perpetrat mill-intimati, u l-esponenti kellhom jissubbixxu dan il-kontroll ta’ uzu, ekwivalenti ghal deprivazzjoni parzjali tal-possediment taghhom, minghajr la gew offruti u wisq anqas ircevew kumpens xieraq u adegwat ghal din il-lezjoni fil-jeddijiet taghhom;

15. Illi l-premess kollu huwa leziv fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif tutelati mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u kkaguna danni u hsarat lill-esponenti kemm finanzjarji u kemm mod iehor;

16. Illi wkoll, l-emendi legislattivi li wasslu sabiex xoghol ta’ rmigg ma jsirx unikament minn irmigjatur licenzjat juru ukoll diskriminazzjoni ulterjuri fil-konfront tal-esponenti fit-tgawdija pacifika tal-licenzja taghhom, billi l-licenzji pertinenti ghall-okkupazzjonijiet ohrajn marittimi u portwali, li thallew bla mittiefsa kif dejjem kienu bhal per ezempju l-Port Workers ossia l-haddiema tax-xatt;

17. Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti;

18. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull provvediment jew dikjarazzjoni opportuna:

(1) tiddeciedi u tiddikjara illi bil-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 100 tas-sena 2010, tal-Avviz Legali 100 tas-sena 2011 u tal-Avviz Legali 253 tas-sena 2012, l-esponenti garrbu lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropea;

(2) taghti dawk l-ordjiniet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex l-esponenti jinghataw rimedju xieraq u adegwat ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali mgarrbin minnhom, inkluz kumpens ghall-hsarat pekunjarji u non-pekunjarji mgarrbin mill-esponenti.

BI-ispejjez kontra l-intimati, li huma Ikoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f’Malta li tghid hekk:

Sfond fattwali

1. Ir-rikorrenti jsostnu illi huma licenzjati bhala rmiggjaturi mill-Awtorita esponenti u bhala tali jistghu iwettqu xoghol ta' rmiggjaturi fil-portijiet Maltin, liema xoghol huma jiddeskrivu bhala "servizz importanti fis-settur marittimu ta' irbiet [sic] jew ta' hall tac-cimi lill-vapuri kollha li jidhlu fil-portijiet/terminals u/jew li jitilqghu [sic] mill-portijiet/terminals f'Malta";

2. Illi f'dawn il-proceduri ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li avvizi legali li dahlu fis-sehh bejn l-2010 u l-2012 u li jirregolaw is-servizzi tal-irmiggaturi wasslu biex ir-rikorrenti

garrbu lezjoni fid-drittijiet taghhom kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (dwar tehid ta' proprjeta), u mill-Artikolu 1 taI-Ewwel Protokol tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta dwar dritt ghat-tgawdija tal-possedimenti taghhom. Ir-rikorrenti qed jallegaw ukoll diskriminazzjoni bi ksur taI-Artikolu 14 taI-istess Kap. 319;

3. Mhux kontestat illi, fl-isfond tar-riforma tal-portijiet kienu ddahhlu numru ta' Avvizi Legali, senjatament I-Avviz Legali 100 tas-sena 2010, I-Avviz Legali 100 tas-sena 2011 u I-Avviz Legali 253 tas-sena 2012, li kienu mahsuba sabiex jirregolaw is-servizz moghti mill-irmiggjaturi fil-portijiet Maltin;

4. Ghandu jinghad hawnhekk illi I-mod kif isir ix-xoghol portwali nbidel hafna f'dawn I-ahhar snin u dan huwa fatt illi jidher li huwa rikonoxxut mill-istess rikorrenti meta jsostnu illi "I-irmiggjatur ghadda minn evoluzzjoni jekk mhux minn rivoluzzjoni kbira mal-medda tas-snin”. Parti minn din I-”evoluzzjoni” gejja mill-fatt illi Ilum qed naraw il-fenomenu ta' terminals differenti gewwa l-port imhaddma minn operaturi privati;

5. F'dan il-kuntest, kif ukoll fid-dawl ta' zviluppi fil-qasam tad-dritt illi ma ghadhomx jippermettu certi monopolji u sistemi ta' ”suq maghluq” (closed shop), ma baqax jaghmel sens illi x-xoghol ta' rmiggjatur isir biss minn grupp zghir ta' rmiggaturi Iicenzjati ghaliex dan dan kien qed jimmina l-efficjenza fil-portijiet Maltin;

6. Madanakollu, I-irmiggjaturi u partikolarment ir-rikorrenti, donnhom jippretendi illi s-sistema tibqa' hekk kif kienet ghexieren ta' snin ilu -- kemm hu hekk, numru ta' rmiggjaturi, inkluz ir-rikorrenti fil-kawza odjerna kienu fethu proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-2010 (Adrian James Abela et vs Awtorita ghat-Trasport f'Malta, Prim Awla 853/2010JZM, deciza 28/11/2013) fejn talbu d-danni mill-Awtorita wara li din, f'cirkostanzi fejn ma kienx hemm irmiggjaturi disponibbli biex jaghtu servizz efficjenti lil bastimenti partikolari, awtorizzat illi certu xoghol ta' rmiggjaturi jsir minn persuni mhux licenzjati. Din il-kawza kienet giet deciza favur I-Awtorita u ma gietx appellata. Kopja tal-istess sentenza qed tigi ezebita bhala dok TM1 ghaliex uhud mill-osservazzjonijiet tal-Qorti jistghu jitfghu dawl fuq x'wassal ghall-proceduri Kostituzzjonali odjerni;

7. Illi b'mod partikolari, kif kienet osservat il-Qorti fis-sentenza msemmija, bit-tibdiliet fil-legislazzjoni sussidjarja li tirregola I-irmiggaturi, inbidel il-kuncett ta' min seta' jkun awtorizzat jaghmel xoghol ta' rmiggjatur:

●BI-Avviz Legali 100 tal-2010, cioe r-Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmigg, tnehha l-kuncett ta' suq maghluq (numerus clausus), izda rmiggatur kien definit bhala persuna li jkollha licenzja skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti sabiex tipprovdi servizz ta' rmigg. Fi kliem iehor, xoghol ta' rmiggatur seta' jsir biss minn persuna licenzjata, b'dan pero li ma baqax limitu fuq in-numru ta' rmiggaturi li setghu jigi licenzjati;

●BI-Avviz Legali 100 tal-2011 tnehha r-rekwizit tal-licenzja, b'dan illi “rmiggatur" gie definiti bhala persuna awtorizzata minn operatur ta' terminal sabeix jipprovdi servizz ta' rmigg. Naturalment, operatur seta' jqabbad irmiggatur licenzjat pero ma kellux ghalfejn jaghmel dan dment illi l-persuna mqabbda mill-operatur ta' terminal ikun idoneju ghax-xoghol in kwestjoni;

●BI-Avviz Legali 253 tal-2012 rega’ kien hemm bdil fis-sens illi apparti rmiggjatur dahlet il-figura ta' rmiggjatur licenzjat. "Irmiggjatur" gie definiti bhala persuna licenzjata jew li hija mqabbda minn operatur ta' terminal, skont il-kaz, skont id-

disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex tipprovdi servizz ta' rmigg, waqt illi "irmiggjatur licenzjat" huwa "persuna li jkollha licenzja mahruga mill-Awtorita skont regolament 5 sabiex tipprovdi servizz ta’ rmizgg".

8. Ta' min jghid illi b'daqshekk is-sistema ezistenti fil-port ma nbidletx mil-lejl ghan-nhar. Kemm hu hekk, ai termini tal-Avviz Legali 253 tal-2012 (li huwa wiehed mill-atti legislattivi illi r-rikorrenti qed jippruvaw jattakkaw), hemm numru ta' mollijiet (imnizla fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali) fejn ix-xoghol ta' rmiggatur jista' jsir biss minn persuni licenzjati. Fi kliem iehor, li operatur privat juza nies illi mhumiex licenzjati mill-awtorita bhala rmiggaturi hija eccezzjoni u mhux ir-regola u tapplika ghal bnadi tal-port li mhumiex indikati fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali. Barra minn hekk, tali haddiema, anke jekk mhux licenzjati, jridu jinghataw it-tahrig xieraq u l-Awtorita xorta jehtigilha tawtorizza l-uzu taghhom. Dan ifisser illi l-avvizi legali stess, ghalkemm nehhew in-numerus clausus u dahhlu definizzjoni gdida ta' rmiggatur, sabu bilanc tajjeb bejn min-naha l-wahda il-bzonnijiet moderni tal-port, inkluz efficjenza u sigurta, u min-naha l-ohra l-jeddijiet li jista' jkollhom l-irmiggaturi licenzjati;

9. F'dan ir-rigward, huwa sinjifikanti illi dawn l-emendi fil-ligi ddahhlu wara konsultazzjoni mal-Koperattiva tal-Irmiggaturi, li tigbor fiha l-irmiggaturi licenzjati inkluz (prezumibbilment) l-istess rikorrenti fil-kawza odjerna u bi qbil mal-Union Haddiema Maghqudin li kellha r-rapprezentanza tal-irmiggaturi, inkluz allura r-rikorrenti f'dan il-kaz;

10. Jidher pero illi ir-rikorrenti issa "rega' bdielhom" u qed isostnu illi l-avvizi legali in kwestjoni d-drittijiet fundamentali taghhom — essenzjalment ghaliex tnehha l-kuncett ta' "suq maghluq" li qabel kien japplika!

11. Inoltre, ir-rikorrenti qed jergghu iqajmu l-fatt illi lura fl-2007, ai termini tat-tibdiliet fil-ligi ta' dak iz-zmien, il-lanec tal-piloti (pilot launches) bdew jigu operati mill-piloti stess, flok mill-irmiggjaturi, kif kienet il-prassi dak iz-zmien. Huwa sorprendenti li dan il-punt qed jerga' jqajjem rasu issa, meta kien kien jifforma parti minn riforma estensiva fil-portijiet li saret b'diskussjoni mal-unions tal-partijiet koncernati. Barra minn hekk, mill-2007 lil hawn, kif jaffermaw l-istess rikorrenti, kien hemm diversi atti legislattivi sussegwenti illi, kif intqal qabel, sahanistra ddahhlu b'konsultazzjoni mal-Koperattiva! Altru li ma kinitx "daqqa ta' Pinna" kif qieghed jigi allegat.

Eccezzjonijiet

12. Illi moghti l-isfond fattwali, l-Awtorita intimata sejra issa tressaq id-difizi taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti;

13. Illi preliminarjament, kull wiehed mir-rikorrenti jehtieglu juri l-interess guridiku tieghu f'din il-kawza, kif ukoll igib prova tal-fatti dikjarati fil-premessi, salv safejn dawn jaqblu ma' dak dikjarat fl-ewwel hdax (11)-il paragrafu ta' din ir-risposta;

14. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

15. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jinghad illi:

(i) L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina stante li dan l-artikolu japplika biss meta jsir "tehid ta' proprjeta b'mod obbligatorju". Licenza ta' rmiggjatur ma tidhirx illi tikkwalifika bhala "proprjeta"' fis-sens tal-Artikolu 37 u, fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti stess jirrikonoxxu illi l-licenza ma ttihdetilhomx;
(ii) Lanqas sehh ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan ghaliex, anke jekk licenzja titqies "possediment", il-licenza tar-rikorrenti ma ttehditx u ebda ligi ma hija qed izzomm lir-rikorrenti milli jhaddmu l-licenzja taghhom; Ghall-kuntrarju kif ga ntqal, l-Avvizi Legali de quo jassiguraw illi certu xoghol jista' jsir biss minn irmiggaturi licenzjati;
(iii) F'kull kaz, l-ghan ewlieni tal-Avvizi Legali kien sabiex tkun salvagwardata l-efficjenza u s-sigurta tas-servizzi portwali. Il-buon ordni fil-portijiet huwa ghan iehor li kellu jintlahaq bl-introduzzjoni ta' legislazzjoni sussidjarja bhall-Avviz Legali 100 tal-2010. Dan kif rikonoxxut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Adrian James Abela et vs l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta citata aktar kmieni. Huwa sottomess illi l-Awtorita ma tistax titqies illi kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti meta hija qed tezercita legittimament, b'mod ragjonevoli u ghal ghanijiet siewja u xierqa il-poteri u l-funzjonijiet taghha;
(iv) Huwa car mill-premessi tar-rikors illi r-rikorrenti qed jippruvaw jirrikorru ghal rimedju Kostituzzjonali biex jipprotegu s-sitwazzjoni ta' closed shop illi timmina l-efficjenza tal-port;
(v) Illi tajjeb li jigi rilevat ukoll li ma hemm ebda dritt, garantit bil-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni, illi licenzja tibqa' tigi gawduta in aeternum;

16. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad illi:
(i) preliminarjament li l-Artikolu citat ma ghandux ezistenza awtonoma u ma jistax jikkostitwixxi l-bazi ghal lanjanza separata imma jrid jigi sollevat in konnessjoni ma' xi dritt jew liberta protetta mill-Konvenzjoni. Jidher li f'dan il-kaz l-imsemmi dritt huwa d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, liema dritt allegatament ir-rikorrenti qeghdin jigu michuda minnu. Isegwi li jekk jirnexxi l-argoment tal-esponenti li d-dritt pretiz mir-rikorrenti mhuwiex "possediment" ghall-fini tal-Artiklu 1 tal-Protokoll 1 u/jew li r-rikorrenti ma gewx imcahhda minnu, lanqas jista' jinghad li saret diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14;
(ii) Il-bazi tad-diskriminazzjoni allegata mhijiex tax-xorta li qed jirreferi ghaliha l-Artiklu 14. Waqt li huwa minnu li l-imsemmi artikolu jidher wiesgha hafna fil-portata tieghu ("diskriminazzjoni ghal kull raguni") l-ezempji li jsegwu juru bic-car li d-diskriminazzjoni trid tkun ibbazata fuq xi karatteristika personali (sess, kulur, lingwa ecc) tal-membri ta’ "gruppi" li bejniethom qed tigi allegata diskriminazzjoni. Il-frazi "diskriminazzjoni ghal kull raguni" ghandha ghalhekk tigi interpretata fid-dawl tal-principju "ejusdem generis" u ma tistax titqies li tinkludi l-bazi ta' diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti f'dan il-kaz;
(iii) Inoltre, ir-rikorrenti jistghu iqabblu ruhhom biss ma' rmiggaturi ohra, u mhux ma' bdoti, jew port foremen jew okkupazzjonijiet ohra marittimi illi jinvolvu xoghol totalment differenti;
17. Fir-rigward tar-rimedju mitlub, partikolarment it-talba ghal kumpens jinghad illi:
(i) Filwaqt illi l-Awtorita esponenti tichad illi hija ghandha thallas xi kumpens ghal allegat telf pekunjarju, fl-aghar ipotezi jekk jigi meqjus li xi kumpens huwa dovut dan ghandu jkun biss nominali stante illi dawn mhumiex proceduri civili ghal danni;
(ii) Jekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti pero jinsistu fuq hlas lilhom ta' "danni attwali", allura dawn ghandhom jigu pruvati.

18. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra li tghid hekk:

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi "bil-promulgazzjoni taI-Avviz Legali 100 tas-sena 2010, taI-Avviz Legali 100 tas-sena 2011 u taI-Avviz Legali 253 tas-sena 2012, I-esponenti garrbu lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 taI-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 14 taI-istess Konvenzjoni Ewropea Illi bhala rimedju r-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kif ukoll kumpens pekunjarju u non-pekunjarju.

Illi I-esponenti jikkontestaw I-allegazzjonijiet u I-pretensjonijiet tar-rikorrenti u jissottomettu li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, I-esponenti jissottomettu li I-Ministeru ghat-Trasport u ghall-lnfrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-lnfrastruttura mhumiex il-legittimi kontraditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u ghandhom jigu dikjarati bhala tali u liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi in linea preliminari wkoll, I-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabilita tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu ma hemm I-ebda tehid forzus ta' proprjeta izda dak li qed jillamentaw minnu r-rikorrenti huwa tibdil fil-legislazzjoni sussidjarja li tiregola l-irmiggjaturi essenzjalment it-tibdil fil-kuncett ta' min seta' jkun awtorizzat jaghmel ix-xoghol ta' irmiggjatur.

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, I-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, in kwantu I-allegazzjoni ta' vjolazzjoni hija mibnija fuq lezjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u taI-Ewwel Artikolu taI-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, I-esponenti jissottomettu li jkun hemm 'tehid ta' possedimenti' biss 'when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect' (Harris, O'Boyle & Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights (1995), pagna 527). Fil-kaz odjern r-rikorrenti ma gew zvestiti mill-ebda licenzja ta' rmiggjatur u ghalhekk ma jistax jinghad illi d-dritt tal-proprjeta ser jispicca bit-thaddim taI-Avvizi Legali bil-konsegwenza li t-tezi tar-rikorrenti illi hemm deprivazzjoni tal-proprjeta certament li ma tregix.
Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jallegaw illi bil-promulgazzjoni tal-Avvizi Legali qed jigu vjolati d-drittijiet ta' proprjeta taghhom. L-esponenti jissottomettu illi dawn I-Avvizi Legali ma jistawx jitqiesu bhala tehid de jure tal-proprjeta u lanqas jistghu jitqiesu li jwasslu ghall-esproprju de facto u dan peress illi r-rikorrenti baqghu fil-pussess tal-licenzja in kwistjoni u ma hemm xejn li qed izomm lir-rikorrenti milli jhaddmu l-licenzja taghhom. Il-fatt illi bl-Avvizi Legali infetah dan is-settur sabiex tigi assigurata l-efficjenza fil-portijiet hija mizura li bl-ebda mod ma tikkozza ma’ dak li jipprovdi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw kontroll ta' uzu tal-possediment taghhom, l-esponenti jissottomettu li mir-rikors promotur stess jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom

il-pussess tal-prossediment taghhom u jistghu ihaddmu l-istess possediment. Illi l-interferenza li minnha qed jillamentaw ir-rikorrenti u cioe l-promulgazzjoni tal-Avvizi Legali hija interferenza permissibbli a tenur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

5. Illi in kwantu r-rikorrenti qed jallegaw lezjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti. Illi l-paragun li qed jaghmlu r-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom huwa paragun li ma jregix u dan stante li mhumiex qed iqabblu ruhhom ma' rmiggaturi ohra izda qed jaghmlu paragun ma' bdoti u ma' okkupazzjoniiet ohra marittimi u portwali.
Di piu, l-esponenti jissottometti illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.
In oltre, kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni (Airey v. Ireland, deciza fid-9 ta' Ottubru 1979 mill-Qorti ta' Strasbourg).

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in kwantu ghar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, l-esponenti jissottomettu li f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tirraviza lezjoni r-rimedju ghandu jkun dak dikjaratorju. Illi certament li azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali mhumiex intizi sabiex persuna tottjeni d-danni reali izda l-aktar li tista' tottjeni huma danni morali fil-forma ta' danni non pekunjarji.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

8. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza mibnija mill-atturi permezz ta' liema qed jilmentaw illi sofrew ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom sanciti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni minhabba l-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 100 tas-sena 2010, l-Avviz Legali 100 tas-sena 2011 u l-Avviz Legali 253 tas-Sena 2012. L-atturi huma irmiggaturi licenzjati u jipprovdu servizz ta' irbit jew hall tac-cimi tal-vapuri li jidhlu fil-portijiet jew terminals tal-Gzejjer Maltin. Fuq medda ta' snin, saru numru ta' riformi fis-settur marittimu u fl-2010, permezz tal-Avviz Legali 100 tal-2010 gew irregolati l-

irmiggaturi, is-servizzi provduti minnhom u t-tariffi ghal dawn is-servizzi, kif ukoll twaqqaf Korp tal-Irmiggjaturi maghmul mill-imrmiggaturi kollha li ghandhom licenzja. Sussegwentement, permezz tal-Avviz Legali 100 tal-2011, gie lliberalizzat is-suq tas-servizzi tal-irmigg u l-irmiggaturi tilfu l-esklussivita li kienu jgawdu minnha gewwa l-portijiet billi sar possibli ghat-terminals illi jqabbdu persuni mhux licenzjati sabiex joffru l-istess servizzi li joffru l-irmiggaturi licenzjati. Wara diskussjonijiet bejn ir-rapprezentanti tal-irmiggaturi u l-awtoritajiet kompetenti, gie promulgat l-Avviz Legali 253 tal-2012. Permezz ta' dan l-Avviz Legali l-irmiggjaturi licenzjati regghu kisbu esklussivita f'numru ta' portijiet fejn l-istess Avviz Legali impona l-htiega illi l-irmiggaturi li jahdmu f'dawn il-portijiet specifici jridu jkunu irmiggjaturi licenzjati. Permezz ta' dan l-Avviz Legali twaqqfet ukoll il-Ko-operattiva tal-Irmiggjaturi, li taghha jistghu jkunu membri biss irmiggjaturi licenzjati u permezz ta' arrangamenti li dahlet fihom l-Awtorita mal-Ko-operattiva, il-Ko-operattiva tal-Irmiggjaturi kisbet esklussivata f'portijiet ohra ghal numru ta' snin.

**Il-legittimi kontraditturi fil-kawza odjerna**

Il-Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura, il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura eccepew illi mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din l-azzjoni ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Skont l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, f'azzjonijiet gudizzjarji il-Gvern ghandu jkun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat bil-materja in kwistjoni. It-tieni sub-inciz ta' dan l-artikolu imbaghad jipprovdi illi ghandu jkun l-Avukat tal-Istat li jirraprezenta l-Gvern f'dawk l-azzjonijiet fejn, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 43(1) tal-Att Dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) huwa l-Ministru responsabbli li ghandu l-poter illi jaghmel ir-regolamenti b'rabta ma' materja li ghandha x'taqsam mat-trasport bil-bahar, u dan wara konsultazzjoni mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. B'mod partikolari it-tielet sub-inciz ta' dan l-

artikolu jaghti lill-istess Ministru is-setgha li jaghmel regolamenti relattivi ghall-irmigg u t-tnehhija tal-irmigg. L-Avvizi Legali 100 tal-2010, 100 tal-2011 u 253 tas-sena 2012 espressament jipprovdu illi ir-regolamenti in kwistjoni kienu qed jigu maghmula mill-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni b'konsultazzjoni mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ai termini tal-artikolu 43(3) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni tal-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura hija fondata u ghaldaqstant qed tillibera lill-istess Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u s-Segretarju Premanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-interess guridiku tal-atturi**

Il-konvenuti eccepew illi l-atturi m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija infondata. Jirrizulta provat illi l-atturi kollha huma irmiggaturi licenzjati, u dan hlief ghal John Brincat. Pero, mill-atti jirrizulta illi John Brincat irtira mix-xoghol ta' irmiggatur fl-2015, u ghalhekk huwa wkoll gie milqut mill-effetti tal-legislazzjoni illi qed tigi impunjata permezz ta' dawn il-proceduri. Irrispettivament minn jekk il-legislazzjoni li dwarha l-atturi qed jilmentaw tippekkax kontra l-kostituzzjonali jew il-konvenzjonali, l-interess guridiku tal-atturi f'dawn il-proceduri jirrizulta sal-grad rikjest, u cioe fuq grad *prima facie*. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-applikabilita tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Il-konvenuti eccepew in-nuqqas ta' applikabilita tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante illi, skont huma, ma hemm l-ebda tehid forzuz ta' proprjeta izda biss tibdil fil-legislazzjoni sussidjarja li tirregola l-irmiggjaturi, u cioe t-tibdil tal-kuncett ta' min seta jkun awtorizzat jaghmel ix-xoghol ta' irmiggjatur.

Il-Qorti taghraf illi dawn il-qrati ilhom numru ta' snin issa jirrikonoxxu illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli biss fejn ikun hemm tehid forzuz, izda wkoll fejn ikun hemm kontroll ta' uzu tal-proprjeta tal-individwu li jippriva lill-istess individwu

milli jaghmel uzu kif jixtieq tal-proprjeta tieghu. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato et vs L-Awtorita tad-Djar et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2016, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2017 fejn intqal illi:

> "L-Avukat Generali jikkontendi illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghaliex b'ordni ta' rekwizizzjoni ma hemmx tehid izda biss kuntroll ta' uzu. Din kienet l-interpretazzjoni li kienet tinghata sa xi zmien ilu izda ricentement il-Qorti Kostituzzjonali wessghet il-portata ta' dan l-artikolu li qieset li kull kontroll ta' uzu, intiz b'tali mod biex jippriva b'mod sostanzjali lis-sid milli jaghmel uzu kif jixtieq mill-proprjeta tieghu allura dan jekwivali ghal tehid ta' 'interess' f'dik il-proprjeta u jaqa' fil-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni. Ara Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et, (Kost 24/06.2016)."

Ghalhekk, il-fatt wahdu li ma ttiehditx il-licenzja tal-atturi ma jfissirx necessarjament u awtomatikament illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli f'dawn il-proceduri. Cioe nonostante, il-Qorti tqis illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'huwiex applikabbli ghall-ilment tal-atturi. Mill-provi jirrizulta car illi mhux biss il-licenzja tal-atturi ma ttiehditx izda wkoll ma gie impost l-ebda kontroll jew limitu fuq l-uzu taghha. Jirrizulta wkoll illi l-fatt li l-atturi huma irmiggaturi licenzjati ma jwaqqafhomx milli jwettwu servizzi ta' irmigg f'portijiet jew terminals fejn din il-licenzja m'hijiex mehtiega sabiex ikun jista' jigi rez tali servizz. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 37 m'huwiex applikabbli f'dawn il-proceduri u dawn l-eccezzjonijiet qed jigu milqugha galadarba ma kien hemm l-ebda tehid forzuz tal-licenzja tal-attur u lanqas ma kien hemm kontroll fuq l-uzu taghha.

**L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

Il-konvenuti eccepew illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex applikabbli ghall-kaz odjern peress illi l-licenzja tal-irmiggjaturi m'hijiex possediment jew proprjeta ghall-finijiet ta' dawn l-artikoli.

Il-Qorti tosserva illi it-terminu "possediment" ghandu definizzjoni awtonoma u pjuttost wiesgha. Minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea jirrizulta illi t-terminu possediment jinkludi kemm assi tangibli u kif ukoll assi intangibbli, bhal ma huma

proprjeta intelletwali jew l-avvjament ta' negozju.[1] Fir-rigward ta' assi intangibbli l-awtur Schabas jispjega illi:

> "*With respect generally to non-physical assets, the Court will consider 'whether the legal position in question gave rise to financial rights and interests and thus had an economic value'. Accordingly, article 1 has been applied to professional practices and their clientele, to intellectual property, to business permits and licences, trade marks and copyright, the right to use an internet domain name, and to shares in limited liability companies*"

Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta ampjament illi l-licenzja tal-irmiggjaturi hiija filfatt possediment ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Kif gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Farrugia et vs L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta et** moghtija fit-23 ta' Novembru 2020:

> "Qabel l-introduzzjoni tal-Avviz Legali numru 100 tal-2011, din il-licenzja kienet necessarja sabiex persuna tkun tista' tahdem bhala rmiggjatur, filwaqt illi wara l-emendi tal-2012 din il-licenzja taghti lill-irmiggjatur licenzjat esklussivita f'dak li ghandu x'jaqsam xoghol ta' rmiggjar f'numru ta' portijiet li jinsabu fil-gzejjer Maltin. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li din il-licenzja ma tistax tigi trasferita jew tintiret, ma jistax jinghad illi m'ghandhiex valur ekonomiku meta wiehed jikkonsidra illi qabel l-2011 din il-licenzja kienet taghti lill-appellati access sabiex jipprattikaw professjoni li minnha jaqilghu l-ghijxien taghhom, filwaqt li wara l-emendi tal-2012 din il-licenzja taghtihom access esklussiv sabiex irendu servizzi f'numru ta' portijiet Maltin."

F'din il-kawza wkoll jirrizulta illi l-licenzja tal-atturi ghandha valur ekonomiku, minkejja li ma tistax tintiret jew tigi trasferita ghaliex qabel l-2011 l-atturi kienu jehtiegu din il-licenzja sabiex ikunu jistghu jahdmu bhala irmiggjaturi, filwaqt illi wara l-2012 l-atturi bdew jehtiegu din il-licenzja sabiex ikollhom access, qua irmiggjaturi, ghal numru ta' portijiet Maltin. Huwa car ghalhekk illi din il-licenzja ghandha valur ekonomiku ghall-atturi, galadarba kemm qabel l-emendi tal-2011 u kemm wara l-emendi tal-2012 din il-licenzja kienet taghtihom access ghal xoghol li minnu jaqilghu l-ghixien taghhom.

Il-Qorti tosserva illi minkejja li l-atturi jilmentaw illi huma sofrew tehid tal-licenzja taghhom, il-licenzja tal-atturi qatt ma giet revokata. It-tibdil li sehh minhabba l-emendi impunjati kien fil-kondizzjonijiet tas-suq li fih kienu joperaw l-atturi, u dan affetwa s-sehem li l-atturi kellhom f'dan is-suq. M'huwiex kontestat illi qabel l-introduzzjoni tal-

[1] **Tre Traktörer Aktiebolag v. Sweden** (QEDB, 07/07/1989); **Mellacher and Others v. Austria** (QEDB, 19/12/1989); **Iatridis v. Greece** (QEDB, 25/03/1999); **Zhigalev v. Russia** (06/07/2008); **Megadat.com SRL v. Moldova** (QEDB, 08/04/2008); **Könyv-Tár Kft and Others v. Hungary** (QEDB, 16/10/2018)

legislazzjoni in kwistjoni, l-atturi kellhom monopolju totali fuq is-suq tal-irmigg u ghalhekk kienu jgawdu b'mod esklussiv minn sehem shih fuq dan is-suq. Il-legislazzjoni impunjata kienet intiza sabiex tilliberalizza s-suq, u dan wassal sabiex sar possibli ghal persuni li ma kinux irmiggjaturi licenzjati li joperaw fl-istess suq u jikkompetu mal-atturi ghall-provvista tas-servizzi ta' irmigg, almenu f'certu *terminals*. Pero l-ebda wiehed minn dawn l-Avvizi Legali ma llimita l-possibilita tal-atturi illi jkomplu joperaw f'dan is-suq jew xi parti minnu. Filfatt mill-provi jirrizulta illi dejjem baqa' possibli, mill-punt di vista legali, ghall-atturi illi joperaw f'dawk il-portijiet fejn ma kinitx mehtiega licenzja. Jekk imbaghad is-servizzi taghhom jigux ingaggati mill-operaturi tat-terminals jew le kienet ghazla libera tal-istess operaturi. Ghalhekk huwa car li ma giex impost xi kontroll jew limitu fuq l-uzu tal-licenzja ta' irmiggatur, kif ukoll li ma gie impost l-ebda limitu fuq il-possibilita tal-atturi, qua irmiggjaturi licenzjati, li jibqghu joperaw bhala irmiggjaturi anke f'dawk il-portijiet fejn din il-licenzja ma kinitx mehtiega.

M'huwiex ikkontestat illi l-Avvizi Legali impunjati mill-atturi introducew il-possibilita li jkun hemm kompetizzjoni libera fis-suq tal-irmiggjaturi. Almenu f'certu *terminals*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li gie milqut bl-Avviz Legali in kwistjoni ma kinitx il-licenzja tal-atturi izda semmai l-aspettattiva jew ix-xewqa taghhom illi jibqghu jahdmu f'suq maghluq ghall-kompetizzjoni. Skont il-gurisprudenza, tali aspettattiva jew xewqa ma tikkostitwix possediment tutelabbli ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea. Filfatt, kif gie deciz fis-sentenza citata aktar il-fuq fl-ismijiet **Anthony Farrugia et vs L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta et**:

> "…il-Qorti ma tqisx illi l-isperanza jew xewqa tal-appellati illi s-suq tas-servizzi ta' rmiggjar jibqa' maghluq u jibqghu jgawdu mill-monopolju li kienet tohloq il-ligi tikkostitwixxi aspetattiva legittima li tista' titqies bhala possediment ghall-finijiet tal-Konvenzjoni. Kif sewwa jargumentaw l-appellanti, l-appellati ma setax ikollhom aspettativa legittima li l-ligi ma tinbidel qatt u li l-monopolju gawdut minnhom jibqa' fis-sehh ghal dejjem. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet tas-suq qabel l-emendi ma kinux possediment fil-proprjeta` tal-appellati, u l-klijentela tal-appellati ma kinitx giet zviluppata "*by dint of their own work*", izda sforz biss legislazzjoni li kienet tohloq monopolju favur taghhom, u ghalhekk ma tikkostitwix possediment distint protett permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tqis illi s-sehem fis-suq tal-appellati u l-pozizzjoni dominanti taghhom fis-suq tal-irmiggjar ma jistghux jitqiesu bhala possedimenti ai

termini tal-Konvenzjoni u zgur li m'humiex protetti minn legislazzjoni introdotta legittimament mill-Istat immirata lejn il-liberalizazzjoni tas-suq."[2]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jikkritikaw din is-sentenza li skont huma waslet ghal konkluzjoni zbaljata minhabba nuqqas ta' distinzjoni filosofika illi "wiehed ikun "it-titolare del diritto stesso" emanenti mill-possediment tal-oggett innifsu, li jfisser li aktar milli wiehed ghandu d-dritt tal-possediment tal-licenzja, wiehed ghandu wkoll id-dritt intrinsiku fuq id-dritt innifsu" li huma jghidu hija maghmula mill-awtur Montel. Din il-Qorti tqis li dan l-argument tal-atturi huwa infondat, ikkonsidrat illi l-kuncett ta' possediment huwa wiehed awtonomu fid-dritt kostituzzjonali/konvenzjonali, u ghalhekk kwalunkwe interpretazzjoni ta' dan it-terminu trid issir strettament ai termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-gurisprudenza dwarhom. Din il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali u tqis li dan l-argument tal-atturi huwa irrelevanti fil-kuntest in dizamina. Dan ghaliex l-argument maghmul mill-atturi bl-ebda mod ma jnaqqas mill-fatt illi l-kondizzjonijiet tas-suq u l-klijentela ma jistghux jitqiesu bhala possedimenti tal-atturi skont id-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali ghar-ragunijiet spjegati u ghalhekk f'dan ir-rigward la huma titolari ta' dawk id-drittijiet u lanqas ghandhom "dritt intrinsiku fuq id-dritt innifsu."

L-atturi jargumentaw illi l-aspettativa legittima taghhom hija illi jibqghu igawdu l-jeddijiet emanenti mill-possediment tal-licenzja taghhom "*on the same level playing field"* u mhux li jkollhom il-jeddijiet taghhom ristretti. Il-Qorti tirrileva pero illi l-possediment taghhom ta' licenzja ta' irmiggjatur jaghtihom access ghas-suq shih tas-servizzi ta' irmigg, billi bhala titolari ta' din il-licenzja huma jistghu jaghtu s-servizzi taghhom kemm f'dawk it-terminals fejn din il-licenzja hija mehtiega u kemm f'dawk it-terminals fejn m'hijiex mehtiega licenzja sabiex wiehed joffri servizzi ta' irmigg u kif ukoll f'dawk it-terminals fejn is-servizzi ta' irmaggjatur jinghataw biss minn dawk li huma membri tal-Ko-operattiva tal-Irmiggjaturi, liema membri jridu ta' bilfors jkunu rmiggjaturi licenzjati. Minn naha l-ohra, irmiggjaturi mhux licenzjati jistghu joffru servizzi ta' irmigg biss b'dawk il-portijiet fejn il-ligi tippermetti li jinghataw servizzi ta' rmigg minn persuni mhux licenzjati. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa infondat l-

[2] Ara wkoll: **Germany v. Council** (ECJ, 10/03/1995); **R (Swedish Match AB et) v. Secretary of State for Health** (ECJ, C-210/03, 14/12/2003); **R (Alliance for Natural Health et) v. Secretary of State for Health** (ECJ, 12/07/2005); **Oklešen and Pokopališko Pogrebne Storitve Leopold Oklešen S.P. v. Slovenia** (QEDB, 30/11/2010)

argument tal-atturi li d-drittijiet li jemanaw mill-licenzja taghhom gew ristretti mill-Avvizi Legali in kwistjoni.

Ghalkemm l-atturi resqu provi sabiex juru illi l-introjtu taghhom naqas wara l-introduzzjoni ta' dawn l-Avvizi Legali peress illi tilfu xi *terminals*, huwa car illi dan it-tnaqqas kien biss rizultat tat-thaddim tal-kompetizzjoni libera fis-suq, u mhux ta' xi att jew ommissjoni tal-konvenuti illi tippekka kontra l-Konvenzjoni. Dan specjalment ikkonsidrat illi qabel l-introduzzjoni tal-Avvizi Legali impunjati mill-atturi, l-operaturi tat-terminals kellhom ta bilfors juzaw is-servizzi tal-atturi, u ghalhekk il-klijentela li kienu jgawdu minnha l-atturi qabel ma gew introdotti dawn l-Avvizi Legali ma kinitx trawmet bl-intrapriza tal-atturi izda kagun tal-monopolju illi kienu jgawdu minnu minhabba l-ligi vigenti dak iz-zmien. Imbaghad, it-tnaqqis fil-klijentela tal-atturi kien biss ir-rizultat tal-ghazla libera tal-operaturi ta' certu terminals li jinqdew bis-servizzi li kienu l-aktar kompettitivi. Pero, ix-xewqa tal-atturi li jibqghu joperaw f'suq maghluq m'hijiex protetta mill-ligi, u dan specjalment ikkonsidrat illi s-salvagwardja ta' kompetizzjoni libera fis-suq hija obbligu tal-Istat Malti bhala membru tal-Unjoni Ewropea.  Ghalhekk huwa car illi l-ilment tal-atturi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma gie mittiefes l-ebda possediment taghhom li huwa tutelabbli skont il-ligi.

**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Il-konvenuti eccepew illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'ghandux existenza awtonoma u ma jistax ghalhekk jikkostitwixxi l-bazi ta' lanjanza separata, izda jrid jigi issollevat in konnessjoni ma' xi dritt jew liberta protetta mill-Konvenzjoni.

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa ancillari u kumplimentari ghad-disposizzjonijiet sostantivi tal-istess Konvenzjoni. Fi kliem iehor, individwu ma jistax iressaq ilment dwar ksur tal-artikolu 14 wahdu, izda jehtieg illi fl-ilment tieghu jabbina d-diskriminazzjoni ilmentata ma' dritt fondamentali garantit mill-Konvenzjoni. Filfatt, dan l-artikolu innifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni." Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Molla Sali v. Greece** (QEDB, 19/12/2018),

"*The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee*."

Ghalhekk, galadarba l-atturi naqsu milli jabbinaw dan l-ilment ma' xi dritt jew liberta ohra kontemplata fl-istess Konvenzjoni, l-ilment tal-atturi a bazi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inamissibli. Detto dan, il-Qorti tirrileva pero illi hija nfondata l-eccezzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta illi ma jistax jinghad li kien hemm diskriminazzjoni taht l-artikolu 14 jekk ma jinstabx illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea huwa applikabbli jew li gie miksur. Ghalkemm huwa minnu illi l-artikolu 14 m'ghandux ezistenza awtonoma dan ma jfissirx pero illi l-applikabbilita tieghu tiddependi fuq is-sejbien ta' ksur ta' xi dritt sostantiv garantit mill-Konvenzjoni. Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Carson and Others v. the United Kingdom** (QEDB, 16/03/2010):

"The Court notes that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. **The application of Article 14 does not necessarily presuppose the violation of one of the substantive rights guaranteed by the Convention**. The prohibition of discrimination in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and Protocols require each State to guarantee. It applies also to those additional rights, falling within the general scope of any Article of the Convention, for which the State has voluntarily decided to provide. It is necessary but it is also sufficient for the facts of the case to fall "within the ambit" of one or more of the Convention Articles (see *Stec and Others v. the United Kingdom* (dec.) [GC], nos. 65731/01 and 65900/01, § 39, ECHR 2005-X, and *Andrejeva*, cited above, § 74)." [enfazi ta' din il-Qorti]

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni kontenuta fil-paragrafu 16(i) tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, izda dan biss safejn kompatibbli ma' dak appena dedott, u l-eccezzjoni numru hamsa tal-Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura, il-Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u konsegwentement tillibera lil Ministeru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport mill-osservanza tal-gudizzju u tichad it-tielet eccezzjoni tal-Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u l-eccezzjoni fil-paragrafu numru tlettax tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, tilqa' t-tieni, raba' u hames eccezzjoni tal-Ministru ghat-Trasport u ghall-Infrastruttura u l-eccezzjoni fil-paragrafi numru hmistax u dik fil-paragrafu numru 16(i) safejn kompatibbli ma' din is-sentenza u tichad it-talbiet kollha tal-atturi.

Spejjez jithallsu kollha mill-atturi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur